

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 825/2011

tat-12 ta' Awwissu 2011

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ ta' oġġetti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.
- (4) Huwa xieraq li jkun stipulat li informazzjoni tariffarja li torbot u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità <sup>(2)</sup>.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament tfasslu b'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif tidher fl-Anness għandhom ikunu klassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

*Artikolu 2*

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata għal perjodu ta' tliet xhur taħt l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Awwissu 2011.

Għall-Kummissjoni,  
fisem il-President,  
Algirdas ŠEMETA  
Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

## ANNEX

| Deskrizzjoni tal-prodotti  | Klassifikazzjoni Kodiċi tan-NM | Raġunijiet   |
|--|--------------------------------|--|
| (1)  | (2)                            | (3)  |
| <p>Kopolimer stiren butadjen fforma primarja.</p> <p>Dan il-kopolimer huwa mmanifatturat billi titħallat il-lattiċe tal-gomma tal-istiren butadjen (styrene butadiene rubber latex, SBR) ma' raża b'kontenut għoli ta' stiren.</p> <p>Il-prodott aħħari jikkonsisti f'taħlita ta' kopolimeri tal-istiren butadjen bi proporzjon ta' stiren ta' 65 % jew aktar bil-piż.</p> | 3903 90 90                     | <p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, min-Noti 1, 4 u 6 ta' mal-Kapitolu 39, min-Nota 4(a) u 4(c) ta' mal-Kapitolu 40, mis-sottointestatura tan-Nota 1 ta' mal-Kapitolu 39 u mill-kliem użat fil-kodiċi tan-NM 3903, 3903 90 u 3903 90 90.</p> <p>Il-kopolimeri tal-istiren butadjen bi proporzjon ta' stiren ta' 65 % jew aktar bil-piż ma jikkonformawx mad-definizzjoni tal-gomom sintetiċi msemmijin fin-Nota 4(a) ta' mal-Kapitolu 40 minħabba li għaladarba dawn il-prodotti jiġu vvulkanizzati bil-kubrit, ma jibqgħux jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-titwil u tal-irkupru indikati f'dik in-Nota.</p> <p>Għalhekk il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM 3903 90 90 bħala polimeri tal-istiren oħrajn.</p> |